# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju, 2022

**Numru**

**Rikors Numru: 588/2017 TA**

**5-Senses Limited (C39753) u Paragon Limited (C34186)**

**vs**

**Firas Aboulezz (K.I. 374810(L))**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjetajiet Atturi ppreżentat fit-28 ta' Ġunju 2017 u maħluf minn Maria Grazia Borg in rappreżentanza tal-istess li permezz tiegħu talbu s-segwenti :-

1. "Illi l-kumpanniji attriċi ilhom għal numru ta' snin iwettqu attivitajiet ekonomiċi u kummerċjali fis-settur ta' l-edukazzjoni u fondi Ewropej, u f'setturi oħrajn relatati u ančillari.
2. Illi l-kumpanniji attriċi effettivament jikkollaboraw u jikkoperaw fin-negozju tagħhom, anke għaliex huma kumpanniji affiljati, b'azzjonisti u diretturi komuni, u anke jikkondividu uffiċini u mpjegati.

3. Illi permezz ta' kuntratt datat dsatax (19) t'Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016), l-attriċi 5-Senses Limited impjegat lill-konvenut bħala *Business Development Manager*, u dan skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet miftiehma fl-imsemmi kuntratt.

4. Illi in eżekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet tiegħu kif naxxenti mill-kuntratt t'impjieg, il-konvenut assuma wkoll obbligazzjonijiet lavorattivi u t'impjieg versu l-kumpannija attriċi Paragon Limited.

5. Illi l-kumpanniji attriċi saru jafu riċentement illi l-konvenut ilu għal xi żmien, klandestinament u ad insaputa ta' l-istess kumpanniji attriċi, iwettaq huwa stess attivitajiet ekonomiċi u kummerċjali fl-istess settur li fih joperaw l-atturi u kwindi f'kompetizzjoni magħhom, u dan bi ksur manifest u lampanti tad-dmirijiet u ta' l-obbligazzjonijiet ta' l-istess konvenut versu l-atturi.

6. Illi dan l-għemil tal-konvenut ikkawża u qed jikkawża danni nġenti lill-atturi, li għalihom għandu jagħmel tajjeb l-istess konvenut.

7. Illi l-konvenut ġie konfrontat bil-premess mill-prinċipali tiegħu, u minkejja tentattivi inutili biex jintlaħaq ftehim, il-konvenut ġie liċenzjat mill-kumpanniji attriċi.

8. Illi għalhekk qed issir din il-kawża.

9. Illi Maria Grazia Borg, debitament awtorizzata tirrappreżenta lill-kumpannija attriċi 5-Senses Limited, tikkonferma li taf bil-fatti suesposti personalment.

Għaldaqstant il-kumpanniji attriċi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut kiser id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tiegħu versu l-atturi meta, klandestinament u ad insaputa tagħhom, wettaq huwa stess attivitajiet ekonomiċi u kummerċjali fl-istess settur li fih joperaw l-atturi u kwindi f'kompetizzjoni magħhom, u li konsegwentement huwa responsabbli għad-danni mġarrba mill-atturi;

2. tillikwida d-danni subiti mill-atturi b'konsegwenza ta' l-għemil tal-konvenut, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni lill-atturi kif likwidati,

u dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra li jkunu jidhrulha xierqa u opportuna.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi ntavolat kontestwalment, u bl-imgħax legali kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt in subizzjoni".

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Intimat ippreżentata fit-12 ta' Settembru 2017

li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

1. "Illi preliminarjament, is-soċjetajiet attriċi għandhom jiddikjaraw taħt liema provvediment tal-liġi qed isejsu l-azzjoni tagħhom.

2. Illi wkoll in linea preliminari, ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta attriċi Paragon Limited u l-intimat. Ma huwiex minnu illi l-esponenti assuma xi dmirijiet u/jew obbligi versu l-imsemmija Paragon Limited.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tal-esponenti għandhom jiġu respinti fit-totalita` tagħhom stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u senjatament minħabba s-segwenti raġunijiet:

   **i.** Ma huwiex minnu illi l-esponenti wettaq xi attivitajiet in kompetizzjoni.

   **ii.** Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti bl-ebda mod u manjiera ma kien prekluż milli jwettaq xi attivita` kummerċjali legittima oħra, anke jekk din tkun in kompetizzjoni mal-prinċipal tiegħu.

   **iii.** Mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu illi l-esponenti b'xi mod u manjiera aġixxa bi ksur ta' xi dmirijiet u/jew obbligi ta' mpjegat versu l-prinċipal tiegħu.

   **iv.** Mingħajr preġudizzju għas-suespost, s-servizzi li qed jilmetaw dwarhom is-sojetajiet attriċi qatt ma ngħataw mill-esponenti lil xi klijenti tas-soċjetajiet attriċi.

   **v.** Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma wettaqx tali attivitajiet bħala negozju.

   **vi.** Illi in ogni każ, mhuwiex minnu li s-soċjetajiet attriċi soffrew xi danni u lanqas jirriżulta illi soffrew xi danni.

   **vii.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kemm-il darba is-soċjetajiet attriċi soffrew xi danni u/jew telf, l-esponenti ma huwiex responsabbli għal tali danni u/jew telf.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jiġi elaborat matul is-smiegħ tal-proċeduri odjerni, it-talbiet tas-soċjetajiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fit-totalita` tagħhom minn dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi provvedimenti illi jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi illi minn issa huma nġunti in subizzjoni".

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat ir-Rikors numru 655/17TA għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru flimkien mal-atti u dokumenti kollha esebiti miegħu kif hawn allegati wara talba għaldaqshekk milqugħa fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2018;

Rat l-atti u xhieda kollha.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Frar 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

F'din il-kawża l-Qorti qed tiġi mitluba tiddikjara li l-konvenut kiser id-dmirijiet u l-obbligi tiegħu versu s-Soċjetajiet Atturi meta "*ad insaputa ta' l-istess kumpanniji attriċi, wettaq huwa stess attivitajiet ekonomiċi u kummerċjali fl-istess settur li fih joperaw l-Atturi u kwindi f'kompetizzjoni magħhom*" (ara premessa numru 5 a' ol 2).

Jirriżulta li d-dmirijiet u l-obbligi tal-Konvenut kienu regolati bi ftehim ta' impjieg datat 19 ta' Awwissu 2016 bejn is-Soċjetá Attriċi 5 Senses Limited u l-Konvenut. Il-ftehim ġie preżentat in atti mill-Konvenut innifsu (ara a' fol 18 u kopja preżentata wkoll mill-Konvenut fl-atti tal-kontromandat numru 1386/17 a' fol 5).

A tenur tal-ftehim innifsu, il-Konvenut beda jaħdem mas-Soċjetá Attriċi 5 senses xahrejn wara li ġie ffirmat, preċizament fit-3 ta' Ottubru ta' dik is-sena (ara klawżola 2.1 a' fol 19; ara xhieda Konvenut a' fol 65).

Il-Konvenut baqa' jaħdem mas-Soċjetá Attriċi 5 senses għal seba' xhur biss minħabba li f'Mejju 2017 kellu jirriżenja wara li l-istess Soċjeta ħadet proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu (ara dikjarazzjoni tal-fatti a' fol 14 u xhieda Konvenut a' fol 65 faċċata 2 u affidavit Konvenut a' fol 292).

Jirriżulta li qabel ma impjega ruħu mas-Soċjetá Attriċi 5 Senses, l-Konvenut kien jaħdem bħala manager fil-lukanda Excelsior (ara xhieda Maria Borg a' fol 43 faċċata 2).

**Punti ta' Liġi**

Fi stadju bikri tas-smiegħ tal-kawża ġie dikjarat mis-Soċjetajiet Atturi in sodisfazzjon tal-ewwel eċċezzjoni, li bl-azzjoni odjerna huma qed jitolbu l-applikazzjoni tal-artikoli 1125 et sequens tal-Kodiċi Ċivili (ara nota preżentata fit-3 ta' Jannar 2018 a' fol 39). Isegwi għalhekk li l-azzjoni ġiet istitwita abbażi tal-prinċipji ġenerali li jikkontemplaw l-azzjoni għal danni riżultanti minn ksur ta' obbligazzjoni kontrattwali.

Ġie ritenut li l-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili "*jistabilixxi l-prinċipji ġenerali applikabbli għal kull xorta ta' obbligazzjonijiet, u jagħti azzjoni għad-danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh*" (**Raffaele Mallia -*vs*- Francesco Portanier et, Appell Ċivili, 27 ta' April, 1936**).

Id-danni li tirreferi għalihom il-liġi huma dawk kontemplati fl-artikolu 1135, jiġifieri telf li bata u l-qligħ li jkun intilef. Fil-kawża **Saviour Muscat vs Sam Pantalleresco datata 20 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri)** tippreċiża li "*Naturalment, in kwantu l-Artikolu 1135 succitat isemmi sija t-telf subit sija l-gwadann mankat, id-disposizzjoni ma tistax ma tkunx interpretata u intiza bhala espressjoni ta' dak il-principju li ma jkunx rizarcit biss il-valur ta' l-oggett fis-suq izda, ukoll, il-konsegwenzi patrimonjali negattivi kollha li l-inadempjenza ggib fis-sehh. Li jfisser, allura, sija d-dannu emergenti, kif ukoll il-lucrum cessans. Dan f'sens reali u mhux semplicement ipotetiku jew dipendenti minn fatturi incerti;*"

Il-kunsiderazzjonijiet legali marbutin ma azzjoni bħal din ġew insenjati tajjeb mill-**Qorti Ċivili Prim' Awla per imħallef Joseph R. Micallef fis-sentenza Credorax Bank Ltd vs LRQ Distribution Limited** kif ġej:

"*Illi l-Qorti tagħraf li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat (Art. 1125 tal-Kap 16);*

*Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni) (Art. 1127 tal-Kap 16). Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel (P.A.* ***13.12.1952*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Galea vs***

***Calleja** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**) u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas (Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet **Petroni vs Petroni noe** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)), liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment (Art. 1135 tal-Kap 16);*

*Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef (Art. 1135 tal-Kap 16), sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni (Art. 1137 tal-Kap 16). Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni (Art. 1136 tal-Kap 16) ;*

*Illi kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja (Art. 1132(1) tal-Kap 16). Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni (Art. 1133 tal-Kap 16); ....*

*Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti*

*inadempjenti (App. Kumm.* ***15.12.1952*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** *(Kollez. Vol:* ***XXXIV.i.367****)). B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas (P.A. PS* ***23.4.2010*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** *(mhix appellata)), filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar (App. Inf.* ***3.11.1956*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Xuereb vs Livick*** *(Kollez. Vol:* ***XL.i.63****);"*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-Konvenut laqgħa għal din l-azzjoni b'numru ta' eċċezzjonijiet preliminari u oħrajn li jolqtu l-mertu. Huwa madanakollu sintomatiku, anzi minn ewl id-dinja, li sabiex tiddetermina din l-azzjoni kif imsejsa fuq l-artikolu 1125 fil-qafas ta' dawn l-eċċezzjonijiet, il-Qorti trid tifhem taħt liema klawżola tal-kuntratt ta' mpjieg is-Soċjetajiet Atturi qed jirreklamaw inadempjenza minn naħa tal-Konvenut.

Dan is-Soċjetajiet Atturi m'għamluhx u lanqas biss ippreżentaw il-kuntratt innifsu. Kien il-Konvenut stess li għoġbu jissottomettih. Dan għamlu in sostenn tal-eċċezzjonijiet sollevati minnu, partikolarment dik numru 3(ii), ossia li fi kwalunkwe każ il-kuntratt ta' mpjieg bl-ebda mod ma kien jipprekludiħ milli jwettaq dak allegat mis-Soċjetajiet Atturi.

Din l-eċċezzjoni waslet lis-Soċjetajiet Atturi sabiex fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jirrikonoxxu tabilħaqq "*Illi huwa minnu li l-kuntratt tad-19 t' Awwissu, 2016, ma fih ebda stipulazzjoni li tivvjeta lill-konvenut milli jagħmel xogħol ieħor jew addirittura milli jikkompeti mal-prinċipal tiegħu stess."* (ara nota a' fol 362)

Is-Soċjetajiet Atturi madanakollu, jissottomettu li "*kull kuntratt t'impjieg bejn prinċipal u impjegat jikkontjeni pattijiet impliċiti li permezz tagħhom l-impjegat jintrabat li jaġixxi dejjem b'lealtá u fedeltá versu l-prinċipal tiegħu, u li ma jagħmel xejn biex ifixkel in-negozju tal-istess prinċipal. Dawn il-pattijiet, jiġi umilment sottomess, huma sottintiżi f'kull kuntratt t'impjieg.*" Huma jsejsu din is-sottomissjoni b'numru ta' ċitazzjonijiet meħuda mill-paragrafu 29 tan-Novissimo Digesto Italiano, vuċi "Lavoro (Contratto di)" u mil-paġni 276-277 tat-18 -il Edizzjoni tal-Ktieb Selwyn's Law of Employment (ara fol 362 sa 365).

B'din is-sottomissjoni s-Soċjetajiet Atturi fissru, li bl-azzjoni tagħhom huma qed jirreklamaw danni mnissla minn ksur ta' obbligazzjoni fiduċjarja.

L-obbligi fiduċjarji ġew regolati għall-ewwel darba taħt il-Kodiċi Ċivili bl-introduzzjoni tal-Artikoli 1124A u 1124B li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005 permezz tal-Att XIII ta' l-2004. B'Att ieħor numru XXXVI tal-2018, il-leġislatur kompla jirregola dan il-prinċipju b'mod iktar estensiv bl-emenda fl-artikolu 1124A, b'evoluzzjoni sħiħa tal-artikolu 1124B u bl-introduzzjoni ta' provedimenti ġodda permezz tal-artikoli 1124Ċ sa 1124J.

L-Artikolu 1124A(a) jippreskrivi li "*Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-…assunzjoni ta' kariga…fejn persuna (il-"fiduċjarju") - … ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra u għandu jiġi preżunt li din l-obbligazzjoni, meta l-fiduċjarju jaġixxi fi, jew jokkupa pożizzjoni ta' fiduċja, hija favur persuna oħra*".

Jirriżulta ictu oculi li, bil-ftehim tad-19 ta' Awwissu 2016, il-Konvenut assuma kariga ta' fiduċja bħala Business Development **Manager** fit-termini ta' dan l-artikolu appena ċitat. Din il-kariga ta' fiduċja ġiet mogħtija lilu mis-Soċjetá Attriċi 5 Senses Limited. Isegwi li l-Konvenut assuma din il-kariga a favur/benefiċċju ta' l-istess Soċjetá. Hija għalhekk għanda titqies bħala l-benefiċċjarja fit-termini tal-Artikolu imsemmi.

Il-Konvenut, qua fiduċjarju, kellu id-dmir a tenur tal-artikolu 1124A(4) "*li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu bl-iktar bona fide u li jaġixxi b'mod onest fil-każijiet kollha*". A tenur tal-istess subinċiż, huwa kien ukoll marbut bl-obbligi hemm elenkati minn (a) sa (k). L-ewwel tlieta minn dawn l-obbligi jikkonsistu f' *"(a) li jeżerċita d-diliġenza ta' bonus pater familias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji tiegħu; (b) li jevita kull konflitt ta' interess jew kull kunflitt ta' fiduċja jew obbligazzjonjiet fiduċjarji; (c) li ma jirċevix xi profitt mhux dikjarat jew mhux awtorizzat mill-kariga jew funzjonijiet tiegħu"*.

L-Artikolu 1124 A kristallizza "*principju ta' dritt applikabbli gia' fid-dritt Ruman fejn kien meqjus bhala "a parasitic institution" (ara Lee, "The Elements of Roman Law", pagna 340),* ***mhux bhala kuntratt imma bhala li jimponi obbligi addizzjonali ghal dawk kuntrattwali fil-kaz ta' certi kuntratti****. Il-kuncett ta'*

*obbligazzjonijiet fiducjarja lanqas ma hu marbut necessarjament mal-kuncett ta' trusts li dahal fis-sistema maltija b'mod komplut fl-1 ta' Jannar 2005 u hu ta' applikazzjoni generali f'kull kaz li dak li jkun ikun qed jagixxi f'interess ta' haddiehor meta allura hu mistenni li jagixxi bid-debita attenzjoni u kura. Kif qalet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kaz* ***Cordina v. Cordina****, deciza fis-26 ta' Settembru 2007, bl- introduzzjoni tal-Artikolu 1124A fil-Kodici Civili, is-sitwazzjoni "giet hafna aktar iccarata", pero` ma giex mahluq kuncett gdid. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Messina v. Galea deciza fil-5 ta' Jannar 1881, il-ligi Rumana kienet u ghadha il-"ius comune" ta' Malta u, "nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane". Il-kuncett ta' fiducja bejn il-principal u r-rapprezentant tieghu ilu jezisti fl-istorja legali taghna, u meta tqis li* ***l-konvenut kien jokkupa kariga ta' General Manager, huwa car li l-ekwita` kienet timponi fuqu doveri u obbligazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-obbligazzjonijiet kuntratwali tieghu.*** *Manager jinghad li ghandu doveri ta' ghaqal u lealta` lejn il-principal tieghu. Kif jghid il-mibki Professur Joseph A. Micallef fin-noti tieghu dwar il-Kodici ta' Kummerc (pagna 121-123):*

*"The office of manager from the legal point of view embraces both the concept of agency and the contract of trust which arises between the manager and his principal and he must, personally perform the duties which go with this office. The manager is an agent of the principal. He acts on his behalf and in his name. But he also administers the affairs of the principal and is in charge of the business or a branch of business of the principal in one or more fixed places.*

*He is therefore the mandatory of the principal and the main function of his office is to increase the prosperity of the principal. He is therefore also the lessor of work and industry. These characteristics have been referred to by the Commercial Court, Judge Profs. Parnis presiding, in the case Zammit vs Galea et decided on the 5th March 1907. The manager is therefore in relation to his principal an administrator, namely a mandatory and a lessor of work while in relation to third parties he is the representative that binds the principal and therefore is his agent."*

*Il-manager allura avolja m'ghandux responsabbilta` ta' policy making, huwa fiducjarju tal-principal tieghu u jrid jagixxi dejjem in bona fede u b'lealta`. Kif jghidu l-awturi Hayton et fil-ktieb "The Law of Trusts" (pagna 760) fiducjarju ghandu dejjem "a duty of confidence which is coupled with the duty of loyalty", u fost dawn id-doveri hemm dak ta' kunfidenzjalita`, fis-sens, kif jispjegah tajjeb Lord Millet fil-kaz Ingliz Balkiah v. KPMG (1999 1AllER 517): "the duty to preserve confidentiality is unqualified. It is a duty to keep the information confidential, not merely to take all reasonable steps to do so. Moreover, it is not to misuse it, that is to say, without the consent of the former client to make any use of it or to cause any use to be made of it by others otherwise than for his benefit."* (**Anthony Caruana & Sons Limited vs Christopher Caruana, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Frar 2014**) (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti). Minn eżami tal-ftehim li l-konvenut kellu mas-Soċjeta' 5 Senses id-desinjazzjoni tal-impieg tiegħu hija kjarament indikata bħala dik ta' *Business development* *Manager*.

L-Artikolu 1124E(1), introdott bl-Att XXXVI tal-2018 u emendat bl-Att XXV tal-2019, jagħti lil kwalunkwe benefiċjarju "*dritt ta' azzjoni abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu*" ", jiġifieri Titolu IV, intitolat 'fuq l-Obbligazzjonijiet in ġenerali' (artikoli 959 sa 1235). Is-sub-inċiż (2) jispeċifika li "*It-talba tista' ssir flimkien ma' kwalunkwe azzjoni oħra disponibbli taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew kwalunkwe liġi oħra u fejn dan id-dritt ta' azzjoni speċifiku ma jiġix eżerċitat, ir-rimedji hawnhekk ikkontemplati jistgħu wkoll jintalbu permezz ta' talba addizzjonali lill-Qorti, f'kull waqt tal-proċedimenti sakemm tingħata s-sentenza finali mill-qorti kompetenti jew mill-Qorti tal-Appell.*"

Jirriżulta mill-atti li ma ġietx sottomessa talba f'dan is-sens mis-Soċjetajiet Atturi. Isegwi li l-Qorti hija prekluża milli tqis r-rimedji hemm kontemplati f'każ li jinstab ksur tal-obbligi fiduċjarji minn naħa tal-Konvenut. Il-Qorti sejra madanakollu tapplika l-Artikolu 1124A fid-determinazzjoni tal-pretensjoni attriċi. Dan għaliex l-azzjoni hija istitwita taħt l-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili li hija dispożizzjoni taħt l-imsemmi Titolu IV (fuq l-Obbligazzjonijiet in ġenerali) tal-istess Kodiċi. Għaldaqstant u ai termini tal-Artikolu 1124E(1), b'din l-azzjoni minnhom esperita, s-Soċjetajiet attriċi għandhom jitqiesu bħala li qed ifittxu jenforzaw l-obbligi fiduċjarji dovuti lilhom, qua benefiċċjarji. Dan minkejja li ma eżerċitatawx azzjoni speċifika taħt din id-dispożizzjoni (ara Artikolu 1124E(2)).

Hekk stradata n-natura tal-obbligu li skont is-Soċjetajiet Attriċi ġie miksur mill-Konvenut fiduċjarju, il-Qorti sejra issa tikkonsidra l-eċċezzjonijiet minnu sollevati.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni, il-Konvenut jissolleva li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetá attriċi Paragon Limited u l-intimat. Dan għaliex il-kariga minnu assunta bil-kuntratt ta' mpjieg tad-19 ta' Awwissu 2016 ġiet mogħtija mis-Soċjetá Attriċi 5 Senses Limited waħidha. Għaldaqstant l-obbligi assunti minnu kienu fil-konfront ta' 5 Senses Limited biss qua l-prinċipal tiegħu (ara nota ta' sottomissjonijiet a' fol 396).

Is-Soċjetajiet Atturi minn naħa tagħhom jirrikonoxxu, li "*l-Konvenut kien formalment impjegat mas-soċetá 5 Senses Limited, tant li l-kuntratt tal-impjieg datat 19 t'Awwissu 2016 kien konkluż bejn il-Konvenut u bejn l-imsemmija soċjetá 5-Senses Limited*." Huma jissottomettu iżda li dan il-fatt ma hux ta' xkiel għas-Soċjetá Attriċi Paragon limited milli tippromwovi l-azzjoni tagħha kontra l-konvenut. Ir-raġuni wara din is-sottomissjoni hi li l-"*l-kuntratt tad-19 t'Awwissu 2016 huwa kuntratt li ġie stipulat bejn 5 Senses Limited u l-Konvenut anke għall-benefiċċju ta' Paragon Limited*" (ara nota a' fol 357). Dan minħabba li l-job description li jifforma parti mill-istess kuntratt kien jgħid testwalment: "*The following is the job description for work that will be conducted for Paragon and 5 Senses*" (ara kuntratt a' fol 27). In sostenn ta' dan l-argument, is-Soċjetajiet Atturi jinvokaw l-artikolu 1000 tal-Kodiċi Ċivili li jagħti d-dritt li wieħed jikkuntratta għall-vantaġġ ta' persuna oħra.

Kif ġie tajjeb ritenut mill-**Qorti Ċivili (Sede Inferjuri) fil-kawża Christine Xuereb vs Mario Micallef datata 17 ta' April 2009**, ċitata ukoll mill-Konvenut fin-nota tiegħu (a' fol 397), "*Ankorke tali kien il-kaz* [li sar patt a norma ta' l-Artikolu 1000 tal-Kodiċi Ċivili, fejn ikunu jeżistu r-rekwiżiti kollha tiegħu,

kompriża d-dikjarazzjoni mit-terz li jrid jinqeda b'dak il-ftehim], *anke, hawnhekk, tajjeb li jigi rilevat illi* ***dak il-patt xorta wahda mhux fonti ta' obbligazzjoni ghat-terz ghax dak il-patt ma jgibx modifika ta' dik il-qaghda tieghu ta' estraneju fir-rigward tal-ftehim konkordat bejn l-attrici u l-konvenut. Korrettement interpretata, id-dikjarazzjoni tat-terz li jrid japprofitta ruhu minn dik l-istipulazzjoni ghaf-favur tieghu hi merament condicio iuris u xejn aktar minn hekk. Ma tikkreja ebda kuntratt bejn it-terz u l-prestaturi tas-servizz, u l-kwestjoni tibqa' regolata bejn l-istipulanti tal-ftehim, ossija f'dan il-kaz bejn l-attrici u l-konvenut. Hu proprju minn dan il-ftehim intercedut li jitwieldu l-obbligi u d-drittijiet. Ara Artikoli 992 – 1001 ta' l-istess Kodici;***" (emfażi ta' din il-Qorti)

F'dan il-każ l-istipulanti tal-ftehim tad-19 ta' Awwissu 2016 kienu s-Soċjetá Attriċi 5 Senses u l-Konvenut. Permezz tiegħu dik ta' l-ewwel tat kariga ta' fiduċja lil dak tal-aħħar. Isegwi li, b'applikazzjoni ta l-insenjament appena ċitat, l-obbligi fiduċjarji naxxenti minn dan il-ftehim ġew assunti mil-Konvenut, qua detentur ta' din il-kariga, unikament favur l-imsemmija soċjetá 5 Senses Limited, qua l-prinċipal tiegħu.

Jekk tassew ġew rekati xi danni lis-Soċjeta' Paragon minħabba l-għemil tal-konvenut, dawn kellhom jkunu reklamati mingħand 5 Senses qua prinċipal tal-konvenut. Ir-relazzjoni ġuridika, kuntrattwali anke fir-rigward tas-servizzi jew nuqqasijiet tal-konvenut, kienet biss bejn iż-żewġ Soċjetajiet.

Il-Qorti sejra għaldaqstant tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Konvenut u tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tas-Soċjetá attriċi Paragon Limited.

Din il-Qorti sejra issa tqis jekk l-aġir tal-Konvenut li seħħ "*klandestinament u ad insaputa*" tas-Soċjetá Attriċi 5 Senses jammontax għal attivatajiet ekonomiċi u kummerċjali fl-istess settur li fiħ topera s-soċjetá Attriċi msemmija u kwindi f'kompetizzjoni magħha.

Jirriżulta li dawn l-attivitajiet jikkonsistu f'servizzi ta' provediment ta' fornituri ta' servizz u assistenza sabiex NetInEurope tagħmel prenotazzjonijiet għall-akkomodazzjoni, lezzjonijiet informali tal-ingliż, attivitajiet kulturali u trasport għall-gruppi ta' studenti barranin (ara dikjarazzjoni tal-fatti para 8, dikjarazzjoni a' fol 59 u xhieda Konvenut a' fol 67 et seq). Il-Konvenut irċieva ħlas ta' dawn is-servizzi prestati minnu lis-Soċjetá estera NetInEurope mis-Soċjetá estera ITS Monaco kif jirriżulta mill-estratt tar-rendikont bankarju (a' fol 15).

Jirriżulta li NetinEurope hija organiżżazzjoni bla profit li ġiet istitwita bħala assoċjazzjoni ta' promozzjoni soċjali għall-iżvilupp ta' programmi tal-Unjoni Ewropea. L-għan tagħha kien li tipparteċipa u tirċievi proġetti ta' finanzjament Ewropew għal dan l-iskop (affidavit u kontro/eżami ta' Emiliana Guzzo fol 278 u 373). ITS Monaco minn naħa l-oħra hija istituzzjoni Edukattiva statali ġewwa Cosenza (ara kontro/eżami Emiliana Guzzo a' fol 373).

Dawn iż-żewġ entitajiet kienu legalment rappreżentati minn ċerta Emiliana Guzzo ta' nazzjonalitá Taljana (ara k/eżami ta' Maria Grazia Borg a' fol 259

faċċata 2). Is-sinjura Guzzo kienet ukoll president onorariu ta' Netin Europe u kienet taħdem f'diverżi istituzjonijiet pubbliċi Taljani (ara k/eżami Maria Borg fol 260 faċċata 2, affidavit Emiliana Guzzo fol 278).

F'Novembru tas-sena 2016, is-sinjura Emiliana, in rappreżentanza ta' ITS Monaco u NetinEurope, daħlet fi trattativi ma' Dr. Anton u Dr. Nadia Theuma, in rappreżentanza tas-soċjetá Paragon, bl-iskop li tiżviluppa relazzjoni fuq bażi fit-tul ma entitá affidabbli f'Malta. Il-ftehim kien, li s-Soċjetá Paragon tipprovdi l-aspetti loġistiċi kollha lil dawk l-studenti li jiffrekwentaw l-istitut ITS Monaco u istituti edukattivi Taljani oħra u li riedu jiġu jistudjaw/jitgħallmu l-Ingliż Malta b'fondi Nazzjonali tal-Gvern Taljan taħt l-umbrella tal-proġetti ta' mobilitá Erasmus. Dan jinkludi akkomodazzjoni, trasport, attivitajiet kulturali u korsijiet tal-lingwa Ingliża (ara xhieda Maria Grazia Borg a' fol 44 faċċata 2 u fol 261; affidavit Emiliana Guzzo a' fol 278). Skont Maria Grazia Borg, dawn il-gruppi ta' studenti kellhom jibdew jaslu f'Diċembru 2016 u kellhom jibqgħu jaslu <u>kull xahar</u> sa Diċembru 2017 (affidavit Maria Grazia Borg a' fol 158 para 7). Jirriżulta li s-soċjetá Paragon kienet tipprovdi wħud minn dawn is-servizzi tramite terzi, inkluż is-Soċjetá Attriċi 5 Senses (affidavit konvenut a' fol 291).

F'dak il-perjodu Emiliana Guzzo, qua rappreżentant legali tal-ITS Monaco, kienet ukoll bagħtet Malta, tramite l-proġett Erasmus, erba' persuni biex isegwu program ta' apprentistat mas-Soċjetá Paragon bil-possibilitá li jsegwu karriera f'Malta. Tnejn minn dawn l-erba' kienu Manlio Scalzilli u Aida Bruni (ara xhieda u k/eżami Maria Grazia Borg a' fol 45 u 262 u k/eżami Emiliana Guzzo a' fol 372 u 373 u k/eżami Manlio Salzilli a' fol 380).

Xogħol Manlio kien relatat mal-midja soċjali u l-marketing filwaqt li xogħol Aida kien relatat mal-amministrazzjoni. Manlio u Aida kienu wkoll ko-fundaturi ta' Netin Europe flimkien ma' Emiliana Guzzo. Jirriżulta wkoll li f'Jannar 2017, is-Soċjetá Paragon offriet kemm lil Manlio u kemm lil Aida, kif ukoll lill-bqija tal-apprentisti l-oħra, impjieg permanenti magħha. Madanakollu kullħadd irrifjuta (ara affidavit Maria Borg a' fol 160 para 15; affidavit Manlio Scalzilli fol 275; affidavit Konvenut a' fol 291; kontro/eżami Konvenut a' fol 309).

Matul l-apprentistat tagħhom mas-Soċjetá Paragon, Aida u Manlio saru jafu u għamlu ħbieb mal-Konvenut u impjegati oħra kemm tas-Soċjetá 5 senses u tas-soċjetá Paragon. Dan kien possibli minħabba li s-Soċjetajiet Atturi għandhom l-istess diretturi u azzjonisti u joperaw mill-istess uffiċini ġewwa l-istess bini fil-Mosta (affidavit Konvenut a' fol 290). Apparti dan, Aida kienet ukoll tassisti lill-Konvenut fix-xogħol li kien ġie mqabbad jagħmel għal Paragon, preċiżament fl-organiżżazzjoni u l-loġistika tal-konferenzi għall-Presidenza 2017 (xhieda Maria Borg a' fol 55, xhieda Konvenut a' fol 65, dikjarazzjoni a' fol 59, xhieda Konvenut a' fol 66 faċċata 2 et seq affidavit Maria Grazia Borg a' fol 158 u 159; affidavit Konvenut fol 291).

Filwaqt li kien Malta matul ix-xahar ta' Diċembru 2016 u Jannar 2017, Manlio Scalzilli ġie mitlub minn Emiliana Guzzo sabiex ikopri wkoll l-irwol ta' *team leader* għal żewġ gruppi ta' studenti mill-ITS Monaco li ġew mibgħuta Malta lis-Soċjetá Paragon taħt l-imsemmi proġett Erasmus (ibid; k/eżami Manlio Scalzilli a' fol 381). Irriżulta li, fejn jidħol akkomodazzjoni, l-esperjenza ta' dawn l-istudenti mas-Soċjetá Attriċi Paragon kienet pessima tant li saru numru kbir ta'

ilmenti fil-kwestjonarji li ngħatawlhom u anke fuq il-midja soċjali kif ukoll mal-gruppi ta' studenti stess (affidavit Manlio Scalzilli a' fol 275; affidavit Emiliana Guzzo a' fol 278; k/eżami Emiliana Guzzo a' fol 374 u 375; k/eżami Manlio Scalzilli a' fol 383 u 386). Dan ir-riklam ħażin wassal sabiex, wara Jannar tas-sena 2017, ebda student ieħor mill-ITS Monaco ma għażel iktar lill-Malta bħala d-destinazzjoni biex fiha jipparteċipa fil-proġett Erasmus (ara k/eżami Emiliana Guzzo a' fol 375 u 376).

Kawża ta' dan, Emiliana Guzzo qua rappreżentanta legali ta' ITS Monaco, itterminat għal kollox ir-relazzjoni tagħha mas-Soċjetá Paragon (ara affidavit ta' Manlio Scalzilli a' fol 276 l-aħħar paragrafu u l-affidavit ta' Emiliana Guzzo a' fol 278 u 279; ara wkoll k/eżami Manlio Scalzilli a' fol 384). Hija wkoll waqfet milli tibgħat lis-Soċjetá Paragon iktar pagamenti (affidavit a' fol 279 u k/eżami fol 376 u 378).

B'differenza minn dak li qalet Maria Borg fil-k/eż tagħha, Emiliana Guzzo kienet infurmat lis-Soċjetá Paragon bir-raġuni wara din it-terminazzjoni (a' fol 262). Dan tant huwa minnu li s-Soċjetá Paragon pruvat issolvi l-problemi fl-akkomodazzjoni provdut minnha:

"***EG:*** *Guardi ci sono stati diversi. Abbiamo iniziato fin da subito ad avere problemi perche e' stato uno degli inverni più freddi e i ragazzi, abbiamo avuto un sacco di problemi sia con il riscaldamento, sia con la comoda gestione della vita quotidiana dei ragazzi.*

**_MS:_** _Queste lamentele, denuncie al quale lei fa referenza nella sua dichiarazione, lei le ha riportata all attenzione della Paragon?_

**_EG: Si, si, si, si, sempre._**

**_MS:_** _Sempre_

**_EG:_** _Si._

**_MS:_** _Ok._

**_EG:_** _E per certi versi si e' anche cercato di risolverli di piccola parte però sono stati anche i nostri ragazzi che non hanno poi più scelto la realtá maltese per recarsi in sede, per recarsi da Paragon, perchè noi, i nostri studenti possono fare una scelta tra Malta e tutti gli altri 27 Stati Membri del Unione Europea._" (k/eżami Emiliana Guzzo a fol 375)

Emiliana Guzzo, qua rappreżentant ta' NetinEurope, iddeċidiet ukoll li ma tibgħatx iktar gruppi ta' studenti lis-soċjetá Paragon, allavolja dawn kienu ġa konfermati li kellhom jiġu Malta f'qasir żmien. Dawn l-istudenti kienu ġejjin minn istituti oħra differenti tramite l-istess NetinEurope, bħal Istituto Capialbi di Vibo Valentia u Istituto Majorana. L-aħħar grupp li rċieva Paragon mingħand Emiliana kien fil-fatt dak mill-ITS Monaco fix-xahar ta' Jannar 2017 (affidavit Maria Grazia Borg a' fol 160; k/eżami Maria Grazia Borg a' fol 261 faċċata 2 u 262; K/eżami Emiliana Guzzo a' fol 376 u 377).

Fir-rigward ta' dawn il-gruppi li kellhom jiġu Malta tramite NetinEurope, Emiliana Guzzo idderiġiet lil Manlio u lil Aida sabiex, kif kienu qiegħdin Malta, isibu

fornituri oħra ta' servizz għalihom (k/eż Manlio Scalzilli a' fol 383). Madanakollu, Manlio u Aida ma kienux kapaċi waħidhom isibu dawn il-fornituri. Minn dan il-mument kien ċar, li is-Soċjetajiet Atturi ma setgħu qatt ikomplu jibbenifikaw minn xi qliegħ, għaliex il-klijenti tagħhom kienu determinati li jaħdmu ma' ħaddiehor u mhux magħhom.

Kien f'dan il-mument għalhekk li ddeċidew javviċinaw lil Konvenut għax kienu jafu li, anke bħala ex impjegat tal-lukanda Excelsior, kellu esperjenza u kuntatti f'dan il-qasam/industrija tat-Turiżmu. Dan kien madwar Frar tas-sena 2017. Huma tgħarrfulu li Emiliana Guzzo tterminat ir-relazzjoni tagħha mas-soċjetá Paragon minħabba d-diverżi ilmenti li rċeviet mill-istudenti tal-ITS Monaco fuq il-kwalitá baxxa ta' akkomodazzjoni li kienet qed tipprovdi (ara k/eżami Manlio Scalzilli a' fol 382; k/eżami Konvenut a' fol 307 faċċata 2, xhieda tal-Konvenut fl-atti tar-Revoka tal-mandat a' fol 48).

Aida u Manlio iżda naqsu milli jgħidu lil Konvenut li Emiliana Guzzo waqfet tgħaddi ħlasijiet lis-soċjetá Paragon. Fattur, li ma għandu xejn x'jaqsam mal-aġir tal-konvenut. Jekk qatt dan ifisser li kellhom kreditu kontra dan l-klijent. B'dana kollu, skont Maria Grazia Borg, l-konvenut kien ġie infurmat waqt 'middle management meeting' bil-pagamenti pendenti minn naħa ta' Emiliana Guzzo versu s-soċjetá Paragon (ara xhieda fol 51 faċċata 2, affidavit fol 160 para 14 u 161 para 17, k/eż fol 259 u 270 faċċata 2). Hemm stqarrija f'dan is-sens ukoll f'dikjarazzjoni datata 23 ta' Mejju 2017 li ġiet iffirmata mill-Konvenut (fol 185). Pero' l-Qorti tfakkar ukoll li kif spjegat aktar 'l fuq, il-konvenut ma kellu ebda relazzjoni ġuridika mas-Soċjeta' konvenuta Paragon.

Il-Konvenut madanakollu jiċħad dan fl-affidavit tiegħu (a' fol 292). Huwa jgħid li ġie nfurmat bil-pendenzi tal-pagament għall-ewwel darba fit-23 ta' Mejju 2017 stess meta bagħtu għalih u ġie rikjest minnu biex jiffirma d-dikjarazzjoni msemmija. Fil-kontro eżami tiegħu, il-Konvenut jinsisti li hu kien ġie mitlub ma jattendix dawn il-*middle management meetings* fuq ir-raġuni li kellu jaħdem fuq ix-xogħol rigwardanti l-loġistika tal-konferenzi li kienu għall-presidenza tal-2017 (a' fol 306 faccata 2 tal-affidavit). Fl-istess affidavit u l-kontro/eżami tiegħu, huwa jinsisti li ffirma d-dikjarazzjoni taħt theddid li jispiċċa l-ħabs u ma jarax lill-uliedu jekk ma jagħmilx hekk.

Manlio u Aida introduċew lill-Konvenut ma Emiliana Guzzo u flimkien talbuħ jgħinhom billi, f'dak iż-żmien qasir li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, isibilhom fornituri għal dawk il-gruppi li ġia kienu kkonfermati għal Malta tramite NetinEurope (affidavit Manlio Scalzilli a' fol 275 u k/eż a' fol 382; affidavit Emiliana Guzzo a' fol 279; affidavit Konvenut a' fol 291).

Il-Konvenut jispjega li fiż-żmien li ġie hekk avviċinat, huwa kien impenjat ħafna bil-konferenzi tal-Presidenza. Madanakollu għenhom xorta billi għaddhielhom il-kuntatti ta' numri ta' fornituri biex jikkomunikaw magħhom huma. Dawn il-kuntatti l-Konvenut kien akkwisthom waqt l-impjieg tiegħu bħala manager fl-imsemmija Lukanda Excelsior (xhieda Konvenut fl-atti tar-revoka tal-mandat a' fol 48).

Jirriżulta li Manilo u Aida sabu diversi ostakli biex jikkomunikaw u jissottomettu ordnijiet mal-fornituri provduti lilhom mill-Konvenut. Dan prinċipalment

minħabba l-fatt li ma kellhomx il-permanenza tagħhom Malta u għalhekk ma setgħux joffru dik il-garanzija li l-forrnituri kienu qed jeżiġu (ara xhieda a' fol 67 faċċata 2, k/eżami konvenut a' fol 309 faċċata 2 u 310). Minħabba dawn l-ostakli u ż-żmien daqshekk qasir li kien baqa' qabel ma l-gruppi tal-istudenti jinġiebu Malta, Emiliana staqsiet lill-Konvent jekk kienx dispost li jamministra l-loġistika kollha hu għal dawn il-gruppi. Dan kien jinkludi f'li jaffettwa l-ħlasijiet lill-fornituri, liema ħlasijiet kellu jiġi rimbursat tagħhom minn Emiliana Guzzo in rappreżentanza ta' NetinEurope (affidavit Emiliana Guzzo fol 279; affidavit Konvenut fol 291, xhieda Konvenut fl-atti tar-Revoka tal-Mandat a' fol 49 et seq). Fi kliem Emiliana Guzzo, il-Konvenut "*Firas accettò di aiutarci in vista della sua amicizia con Aida e Manlio e dopo aver visto la nostra situazione disperata.*" (affidavit Emiliana Guzzo a' fol 279). Il-Konvenut ma nformax b'dan lis-Soċjetá attriċi u/jew lis-soċjetá Paragon. Dan għaliex ra li kienet biss kwistjoni ta' darba li qamet f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari u fir-rigward ta' gruppi li kienu ġia kkonfermati għal Malta u li hu qatt ma kien involut fihom qabel (ara xhieda u k/eżami a' fol 68 u 309 et seq u xhieda fl-atti tar-revoka tal-mandat a' fol 48 u 50).

Il-Konvenut irċieva mingħand Emiliana Guzzo żewġ gruppi ta' studenti f'Marzu u grupp f'April. Il-gruppi f'Marzu kienu jikkonsistu f'29 student li qagħdu Malta għal 13 -il lejl. Il-grupp t' April kien jikkonsisti f'madwar 40 student li qagħadu Malta għal-għaxar t'iljieli. Il-Konvenut provda lil dawn il-gruppi lukanda fejn joqogħdu (Beach Garden Hotel), servizzi ta' *coaches* (Zarb Coaches u Supreme Coaches), tours kulturali (Malta Sightseeing u City Sightseeing) u tlett għalliema

tal-Ingliż (ara dikjarazzjoni a’ fol 60). Kemm Emiliana Guzzo (a’ fol 378) u Manilo Scalzilli (fol 387) ddikjaraw li s-servizzi provduti mill-Konvenut kienu ta’ kwalitá għolja.

Skont Emiliana Guzzo, ma ġiet mifthema ebda konsiderazzjoni bħala ħlas għall-assistenza tal-Konvenut. Madanakollu ġie deċiż li, bħala ġest ta’ apprezzament, mal-fondi li ntbgħatu lil-Firas għal ħlasijiet effettwatati minnu lil fornituri (ara fol 30), tintbgħat lilu somma ekwivalenti ta’ 10% tal-ammont hekk imħallas mill-Konvenut (ara affidavit Emiliana Guzzo a’ fol 281). Madanakollu l-Konvenut jgħid li ta’ dan ix-xogħol, għalkemm ġie hekk imwiegħed li jitħallas 10%, huwa baqa’ effettivament ma tħallasx (ara affidavit a’ fol 292 l-aħħar paragrafu, kontro eżami a’ fol 310 u faċċata 2, xhieda Konvenut fl-attri tar-revoka tal-mandat a’ fol 48).

Kemm Emiliana Guzzo u anke Manilo Scalzi kkonfermaw u ddikjaraw espressament li l-gruppi ta’ studenti li ntbgħatu Malta wara x-xahar ta’ Jannar 2017 fir-rigward ta’ liema ntalbet l-assistenza mill-Konvenut, qatt u żgur ma kienu se jitħallew jiġu ġestiti mis-soċjetá Paragon. Emiliana Guzzo żiedet tgħid li dawn il-gruppi ma kienux jappartjenu għall-ITS Monaco iżda kienu gruppi ta’ proġetti differenti minn dawk ġestiti min Paragon.

Emiliana Guzzo kkonfermat u ddikjarat ulterjorment li, diverżament min dak konteż min Maria Grazia Borg (affidavit fol 158 para 5 u 6), qatt ma trattat ma jew semgħet bis-Soċjetá 5 Senses iżda biss mas-soċjetá Paragon (ara affidavits rispettivi a’ fol 275 u 279 u kontro eżamijiet rispettivi a’ fol 375, 376,

379, 382, 383). Maria Grazia Borg stess fil-fatt tikkonferma dan kemm fix-xhieda tagħha li sar qabel l-affidavit (ara fol 44 faċċata 2) u anke meta ġiet mistoqsija direttament fil-k/eżami tagħha (ara fol 261).

Minn dak hawn ikkonsidrat, joħroġ b'mod inkonfutabbli li s-Soċjetá Paragon waqfet tirċievi gruppi tal-istudenti minn Emiliana Guzzo għal raġunijiet unikament imputabbli lis-Soċjetá Paragon u mhux lill-Konvenut. Minn imkien ma jirrisulta li -konvenut kien xjentement qiegħed jimmina minn taħt biex jisfratta in-negozju tas-Soċjetajiet konvenuti. Hu daħal fix-xena wara li l-klijenti iddeċidew li jitterminaw ir-relazzjoni tagħhom minn magħhom.

Jirriżulta ċar, li l-Konvenut aċċetta li jirċievi dawk iż-żewġ gruppi sforz iċ-ċirkostanzi partikolari li ħolqot is-soċjetá Paragon innifisha u li ġabu lil Emiliana Guzzo daharha mal-ħajt. Dan kien unikament possibli grazzi għal-ħbiberija li nbniet bejnu u r-rappreżentanti tagħha Aida Bruni u Manlio Scalzilli matul l-impjieg tiegħu mas-soċjetá Attriċi 5 Senses. Il-fatt li l-Konvenut aċċetta li jippresta lilhom dawn is-servizzi, ma biddel xejn mil-qagħda tas-soċjetá Paragon li xorta ma kienetx se tibqa' tirċievi ebda gruppi ta' studenti minn Emilaina Guzzo. F' dan ir-rigward għalhekk ma hux ċar kif qegħdin ikunu reklamati danni, meta ix-xogħol inkwistjoni ma intilfitx minħabba kawża li ġiet provokata mil-konvenut, iżda minħabba li il-klienti kienu tilfu kull fiduċja f'Paragon għar-raġunijiet imsemmija aktar 'l fuq.

B'dana kollu, dan ma jifissirx li għaliex l-konvenut aġixxa mingħajr xjenza li jikkompeti, anke jekk indirettament mas-Soċjeta' 5 senses, b'daqshekk għandu

jkun eżonerat minn kull ksur ta' obbligi kuntrattwali addizjonali li għandu taħt il-liġi. Kienet kemm kienet tajba l-intenzjoni tiegħu, ċertu obbligi li huma intrinsikament u impliċitament kompriżi f'kuntratt tax-xogħol għandhom dejjem u f'kull ħin ikunu osservati. Il-mistoqsija ipotetika li għandha issir hi din: li kieku żvela kollox lis-Soċjeta' 5 Senses dwar dak li ser jagħmel, kienitx din raġjonevolment taċċetta, li jaġixxi b'dan il-mod anke jekk il-klijenti ma riedux ikompli jaħdmu ma' Paragon. Fil-fhema tal-Qorti ir-risposta hi definittivament le, għaliex wara kollox l-isforzi li għamel il-konvenut kien fil-waqt tal-impieg ma' 5 Senses.

Jekk b'impjegat nifhmu li tfisser persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi xogħol jew ħidma għall-ħaddieħor, u taħt id-direzzjoni jew il-kontroll immedjat ta' persuna oħra. Allura jiskaturixxu dawn it-tlett obbligazzjonijiet firrelazzjonijiet tiegħu ma' min jimpjegaħ u ċioe': (1) B' mod ġenerali, kif applikabbli għall-kuntratti kollha, dak tad-diliġenza, ex-Artikolu 1132 (c), Kodiċi Ċivili; (2) Ukoll in linea ġenerali, il-korrettezza u l-bwona fede, ex-Artikolu 993, Kodiċi Civili u (3) Speċifikament, l-obbligu tal-fedelta' jew tal-lealta vis-à-vis l-azjenda jew il-prinċipal. Dan l-aħħar obbligu jibqa' dejjem anke jekk l-impjegat jaġixxi in buona fede, kif jidher li huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Anke jekk bl-aġir tal-impjegat ma tiġix effettwata l-ħajja ekonomika tal-ażjenda dan huwa biżżejjed biex jikkonfigura l-aħħar element. Il-Lejalta' huwa kriterju oġġettiv li jitraxxendi kull element ta' xjenza da parti tal-impjegat.

Pero' wara dak fuq spjegat isegwi, li t-telf li setgħet ġarrbet is-Soċjetá Attriċi 5 Senses mill-qliegħ ta' kirjiet t'akkomodozzjoni fl-appartamenti tagħha, seħħ b'kawża immedjat u diretta tan-nuqqas tas-Soċjetá Attriċi Paragon u mhux tal-Konvenut. Il-klijenti tagħha ma kienux kuntenti bis-servizzi ta' din is-Soċjeta' għalhekkk riedu jfittxu s-servizzi ta' ħaddieħor. Li ma kienx ikun il-konvenut kien ikun ħaddieħor. Għaldaqstant hija s-Soċjetá Attriċi Paragon u mhux il-Konvenut li għandha tkun responsabbli għall-ħlas tad-danni u tagħmel tajjeb għal ħsara li setgħet sofriet is-Soċjeta' l-oħra 5 Senses.

Kif diġa' aċċennat, din il-Qorti ma tistax issib li l-aġir tiegħu kien li kawża id-danni li qegħdin jirriklamaw is-Soċjetajiet Atturi. Għaliex fl-ewwel lok, il-klijenti tnaffru minħabba s-servizz ħażin li kien qiegħed jingħata. Jekk dak li tilfu bħala qliegħ allura kien dejjem ser jgħaddi għand terzi li jagħti servizz aħjar, ma jistgħux jilmentaw li t-telf li għamlu kien tort tal-Konvenut. Dak it-telf kienu ser jagħmluħ anke li kieku l-Konvenut ma kienx involut f'xejn. Emiliana Guzzo kienet determinata li taqta' qabel ma ġie avvinċinat il-konvenut. Fi ftit, kliem ma kienx il-konvenut li avviċinha jew ħajjarha biex taqta' u ma jirrisultax hemm xi prova fattwali f'dan is-sens.

L-anqas ma s-Soċjetajiet Atturi ma huma jirriklamaw xi likwidazzjoni ta' penali kuntrattwali minħabba xi stipulazzjoni f'dan is-sens, għaliex il-kuntratt ta' impieg tal-Konvenut ma jipprospettax dan. Li kieku kien hekk, is-Soċjeta' 5 Senses u mhux Paragon kien ikollha raġun li titlob dawn il-penali indipendentement mill-fatt ta' jekk id-danni materjali kienux kawżati mill-konvenut oġġettivament.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-fatt li l-konvenut wettaq atti li jammonatw għall-kompetizzjoni, anke jekk indirettament mas-Soċjeta' 5 Senses biss, ma jfissirx b'daqshekk, li bil-fors ikkawża danni. L-aktar li jista' jfisser hu l-aġir tiegħu jirrendiħ passibbli għall-proċeduri dixxiplinarji. Di fatti l-konvenut spiċċa mill-impieg minn mas-Soċjeta' 5 senses.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imma l-anqas huwa l-kas msemmija, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Konvenut Firas Aboulezz u tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tas-soċjetá Paragon Limited**;

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** parzjalment inkwantu kif spjegat ma jistax ikun miżmum responsabbli għad-danni.

**Tiċħad it-tieni u tielet talba** Attriċi.

Fiċ-ċirkostanzi partikulari tal-każ spejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, kull parti isoffri l-ispejjeż tagħha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**